**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

# TMINN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 07/2020

**Il-Ħamis 4 ta' Ġunju, 2020**

Abbażi ta' Ċirkulari 3/2020 maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, il-Kunsill Lokali Pembroke ma iltaqax fl-inter tiegħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, iżda kien hemm membri li għażlu li jagħmlu użu mit-Teknoloġija tal-Informatika biex il-laqgħa saret ukoll virtwalment fis-2:00 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku
Omar Elaref Arab – Viċi Sindku
Désirée Vella Brincat – Kunsillier
Charles Cesare – Kunsillier
Raymond Lanzon – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

## 07.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

07.1.1. Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li ma kien hemm ebda apoloġija.

## 07.2 PA 3807/17 - Proposed City Centre multi-use development, including excavation of former ITS site & Wesghet Lewis V. Farrugia/Wesghet George Portanier, demolition of modern structures, sanctioning of partly demolished non-scheduled building, retention of Grade 2 scheduled buildings and Cold War substation, construction of a 5 Star Hotel (414 rooms) Class 3B, 140 residences, commercial office space (Class 4A), shopping mall (Class 4B) and restaurants (Class 4C and 4D) and basement car park. The proposal also includes the retention and integration of Grade 2 military blocks, Cold War substation and integration of other existing structures.

07.2.1 Is-Sindku Dean Hili irrimarka li kull membru tal-Kunsill kien qed jagħti prijoritajiet differenti dwar dan l-iżvilupp u għalhekk stieden lill-membri tal-Kunsill biex iressqu l-kummenti tagħhom u jesprimu l-fehmiet tagħhom.

07.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li fuq talba tal-Viċi Sindku Omar Elaref Arab u l-Kunsillier Charles Cesare kien ser jagħti rapport kronoloġiku tal-fatti relatata mal-permessi tal-iżvilupp ta' City Centre kif propost minn db Grupp:

| | |
|---|---|
| **25/04/2018** | Il-PA ivvalidata l-applikazzjoni 3807/17 ta' db Grupp biex jiġi żviluppat City Centre. |
| **31/07/2018** | (Minuti 10/K7/2018) fejn is-Sindku Dean Hili kien għamel referenza għall-korrispondenza 46/1841/18/I fejn kien informa lill-Kunsill li saret laqgħa ma' db Grupp u kienu preżenti huwa, l-ex Viċi Sindku Raymond Lanzon, l-ex Kunsillier Mark Causon u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg. |
| **13/09/2018** | Fuq l-applikazzjoni PA 3807/17 kienu rreġistrata madwar 4,400 ittra ta' rappreżentazzjoni. |
| **08/10/2018** | Il-PA tapprova permess PA 3807/17. |
| **01/11/2018** | Jiġi intavolat appell PAB/00419/18 kontra l-permess PA 3807/17. |
| **11/02/2019** | Il-Bord tal-Appell tal-PA ma jilqax l-appell. |

| | |
|---|---|
| **15/03/2019** | Il-Kunsill Lokali Pembroke flimkien ma' diversi entitajiet u residenti jiftħu kawża kontra l-PA għall-ħruġ tal-permess 3807/17 kif approvat mill-PA, referenza 288/2019. |
| **19/06/2019** | Il-Qorti tiddikjara li kien hemm konflitt t'interess minn wieħed mill-membri tal-Bord u tiddikjara l-permess tal-iżvilupp PA 3807/17 null u tibgħatu lura għand il-PA. |
| **05/07/2019** | Il-Kunsill jiġi infurmat mill-PA li db Grupp kienu issottomettew applikazzjoni PA 5533/19 għall-iskavar tas-sit propost City Centre. |
| **25/07/2019** | Il-Kunsill jinforma lill-PA li l-Kunsill għadu tal-istess opinjoni li joġġezzjona għall-iskavar tas-sit. |
| **27/08/2019** | Fuq l-applikazzjoni PA 5533/19 kienu rreġistrata madwar 3,700 ittra ta' rappreżentazzjoni. |
| **14/09/2019** | db Grupp talbu laqgħa mal-Kunsill biex jispjegaw xi tibdil li kienu qed jipproponu fil-proġett tagħhom. |
| **23/09/2019** | Il-Kunsill iltaqa' mar-rappreżentanti ta' db Grupp. |
| **26/09/2019** | (Minuti 04/K8/2019) fuq proposta tas-Sindku Dean Hili issekondata mill-Kunsillier Charles Cesare, il-Kunsill kien qabel unanimament li b'referenza għall-laqgħa li l-Kunsill kellu mal-iżviluppatur fuq talba tal-istess żviluppatur (46/3166/19/I), deċiżjoni finali tal-pożizzjoni tal-Kunsill għandha tittieħed fil-ħin opportun wara ukoll li l-Kunsill ikollu r-rispons mingħand l-istess żviluppatur. Kien hemm qbil ukoll li jekk ikun hemm il-bżonn il-membri tal-Kunsill jaqblu fuq dikjarazzjoni li eventwalment tiġi ratifikata fil-laqgħa li jkun imiss tal-Kunsill. |
| **30/09/2019** | Il-membri tal-Kunsill qablu fil-maġġoranza tagħhom informalment li jipproponu dokument lill-iżviluppatur, liema dokument kien abbażi tad-diskussjonijiet li kienu saru miegħu fil-ġimgħat u xhur preċedenti. Il-membri tal-Kunsill, jiġifieri s-Sindku Dean Hili, il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab, il-Kunsillier Charles Cesare u l-Kunsillier Raymond Lanzon kienu favur filwaqt li l-Kunsillier Désirée Vella Brincat kienet kontra l-proposta li kien qed jagħmel il-Kunsill, liema proposta kienet tfisser li l-Kunsill ser ikun favur il-proġett kif propost quddiem il-PA f'kaz li l-istess DB jemendaw il-pjanti skond id-diversi rikjesti li għamel il-Kunsill. |
| **01/10/2019** | Il-Kunsill talab laqgħa ma' db Grupp sabiex jiġu nfurmata bil-pożizzjoni l-ġdida tal-Kunsill inkluż il-kundizzjonijiet li qed jagħmel il-Kunsill vis-a-vis dak diskuss fl-istess laqgħa. **(Dok. 1)** |

**12/10/2019** Il-Kunsill rċieva mingħand id-db Grupp il-Construction Management plan għall-PA3807/17 (Construction Permit)

**18/10/2019** (Minuti 06/K8/2019) fuq proposta tas-Sindku Dean Hili issekondata mill-Kunsillier Raymond Lanzon, saret referenza għall-korrispondenza 46/3474/19/I, 46/3487/19/I, 46/3536/19/I, 46/3589/19/I, 46/3624/19/I u għall-Construction Management plan marbut ma' PA3807/17 fejn kien hemm qbil unanimu li dan jiġi approvat mill-Kunsill, inkluż li l-Kunsill għandu jiġbed l-attenzjoni għal fatt illi r-rapport bħal donnu jixħet ir-responsabbiltà għall-użu ta' makkinarju ħażin u li jniġġeż fuq il-kuntratturi, li wara kollox ser ikun qiegħed jidħol fi ftehim magħhom l-istess żviluppatur. Il-kelliem żied li mhux biss dan m'għandux iseħħ, imma l-iżviluppatur għandu jkollu d-dmir u l-obbligu kollu li jara li dan fil-fatt ma jsirx, u jara wkoll li l-ħaddiema li jkunu qiegħdin jaħdmu fis-sit, jaħslu l-inġenji, jgħattuhom skond il-liġi qabel joħorġu mis-sit u jagħmlu dak kollu li hu neċessarju biex l-inkonvenjent l'indubbjament ser ikun hemm, jitnaqqas b'kull mod possibbli. Kien approvat ukoll li l-iżviluppatur irid jara wkoll li l-ħinijiet tax-xogħol, partikularment dawk ix-xogħlijiet li jqanqlu ħsejjes u vibrazzjonijiet kbar li għandhom it-tendenza li jiddisturbaw il-paċi pubblika, ma jsirux matul il-ħinijiet ta' bil-lejl, jew kmieni filgħodu qabel tlugħ ix-xemx.

**24/10/2019** Il-Kunsill bagħat l-emendi tiegħu lid-db Grupp għall-Construction Management plan għall-PA3807/17 (Construction Permit)

**28/10/2019** Il-Kunsill bagħat jinforma lill-db Grupp li ma jsibx oġġezzjoni għall-Construction Management plan for PA3807/17 (Construction Permit), kif propost minn db Grupp

**28/10/2019** Il-Kunsill bagħat jinforma lill-db Grupp li ma jsibx oġġezzjoni għall-Construction Management plan għall-PA5533/19 - City Centre (Excavation Permit), kif propost minn db Grupp

**14/11/2019** Kien hemm kommunikat informali mir-rappreżentanti ta' db Grupp mas-Sindku Dean Hili u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg fejn ippreżentaw draft legali tal-ftehiem li talab il-Kunsill abbażi tat-talbiet li għamel il-Kunsill fl-1 ta' Ottubru 2019.

**15/05/2020** Il-Kunsill jiltaqa' mad-db Grupp fejn ġie infurmat bl-aħħar tibdil u down scaling li kien hemm fil-proġett inkluż li l-grupp kien ser jerġa' jgħaqqad il-proposta tal-iżvilupp ma' dik tal-iskavar kif kienet oriġinalment, u li għalhekk kienu ser jirtiraw l-applikazzjoni PA5533/19. Il-Kunsill ġie infurmat li abbażi tal-proposti li kien għamel il-Kunsill stress lura fl-1 ta' Ottubru 2019, liema talbiet kienu ġew milqugħa mill-iżviluppatur, il-

proġett li kien qed jiġi propost kellu tnaqqis sostanzjali fosthom li:

- Il-proġett naqas b'50,000 $m^2$,
- L-ispazju pubbliku żdied b'40%,
- L-iżvilupp huwa 19,000 $m^2$ anqas minn kemm jippermetti l-Pjan Lokali,
- Il-binja skedata tal-ITS mhux ser tintmiss għajr għal xi alterazzjonijiet,
- L-iskavar fuq l-Għar Ħarq Hammiem prattikament tneħħa u ser isir biss livellar tal-blat eżistenti u ser ikun hemm spazju ta' 24 metru,
- L-iżvilupp fuq l-għar tneħħa kważi kollu,
- L-Uffiċini kollha tneħħew mill-iżvilupp.
- It-torri reġa' tnaqqas b'diversi sulari kif ukoll il-lukanda u kiber l-ispazju bejn it-torri u l-lukanda u għalhekk ser jonqos drastikament id-dell li jikkawża f'xi ħinijiet il-proġett,
- Mill-proġett tneħħew is-sala tat-tiġijiet u l-Casino,
- It-traffiku kollu minn u lejn il-lukanda li ser jipparkja fl-underground parking, u li ser ikun jesa' madwar 1,400 vettura, irid jagħmel użu mill-mina minħabba li m'hemmx alternattivi oħra,
- Il-vetturi l-kbar li ser ikunu qed jagħtu servizz lill-proġett iridu jaċċessaw il-proġett bilfors mill-mina proposta u għalhekk mhux ser ikun hemm impatt fuq l-infrastruttura tat-traffiku tal-akwata,
- Il-ħajt tal-parkeġġ li ser ikun hemm fuq Triq Pietru Darmenia ser jirtira l-ġewwa f'kull sular kif ukoll ser jinkesa b'vertical gardens, u
- Parti mill-faċċata tat-torri residenzjali li jagħti lejn ir-residenti ser ikun qed jinkorpora vertical garden.

**19/05/ 2020** Id-db Grupp jirtira PA5533/19 - City Centre (Excavation Permit), kif propost minn db Grupp.

Il-Kunsill preżentement qed jitlob lill-kummissjoni elettorali li jkun hemm tibdil fil-konfini biex ż-żona tal-proġett, fl-intier tagħha tiġi nkluża fil-konfini ta' Pembroke

07.2.3 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab irrimarka li l-punt tat-tluq tiegħu bażikament huwa li, li kien għalih, kieku kien hu biss li jiddeċiedi, il-binja tal-ITS li kienet tal-pubbliku toffri servizzi turistiċi edukattivi, ma kienet qatt tingħata għal negozju, jekk xejn setgħet tiġi żviluppata f'ċentru edukattiv ikbar u iktar attrezzat għal-lum il-ġurnata. Il-kelliem appella lill-awtoritajiet biex il-policies jiġu riveduti, inkluż li ma jibqgħux jitqassmu l-artijiet tal-pubbliku bl-addoċċ,

peress li dan jaf ikun perikoluż għan-nies tal-madwar u jnaqqas ir-responsabiltà ambjentali. Il-kelliem żied li teżisti il-kultura ta' ġungla tal-konkos li qed ikollha l-effett tagħha fuq l-ambjent u għalhekk hemm bżonn pjanar aħjar inkluż ukoll l-effett li tali żvilupp qed iħalli fuq it-tibdil tal-klima. Il-kelliem żied ukoll li proġetti bħal dawn kapaċi joħolqu ambjent ta' kwalità ta' ħajja baxxa u ħadd aktar mir-residenti u l-Kunsill ma jaf l-istess akwata u għalhekk l-importanza li l-Kunsilli għandhom jiġu ikkonsultati. B'referenza għall-proġett il-kelliem irrimarka li dan il proġett kien ġie approvat ftit taż-żmien ilu, b'mod l'irrabja ħafna lir-residenti u lill-Kunsill peress li ebda waħda mil-concerns indikata ma kienet ġiet indirizzata. Kien hemm ħafna riskji lejn l-ambjent u xorta dan il proġett kien ġie approvat mill-PA. Il-kelliem żied li kien tal-mistħija li l-Kunsill u r-residenti min buthom u l-enerġija tagħhom kellhom jiġġieldu din il-ġlieda flimkien mal-NGOs. Il-kelliem qal ukoll li wieħed ma jistax pero jinnega il-verità u r-realtà li l-Kunsill għandu quddiemu żviluppatur, li poġġa miegħu fuq il-mejda, ġie spjegat li mhux fil-pjan tiegħu li jwaqqaf dan il-proġett pero għandu r-rieda li jindirizza il-concerns tal-Kunsill u r-residenti, jekk jista' ikun kollha. Żied li l-Kunsill kien għamel lista ta' concerns li jinkludu fl-opinjoni tiegħu l-ikbar rebħa tal-Kunsill li huwa it-traffic management, fejn qabel fil-pjanijiet approvati kienu jinvolvu li t-traffiku jgħaddi min Triq il-Mediterran, fejn illum bl-ebda mod ma jista' jkun l-ebda aċċess min toroq li huma ġo Pembroke għal proġett. Il-kelliem irrimarka li l-lista kienet lista ta' 17 il punt li jinkludu, fejn l-iżviluppatur fil-pjanijiet il-ġodda aċċetta, indirizza u biddel numru ta' elementi biex il-concerns l-ippreżenta l-Kunsill intlaqaw kollha. Il-kelliem irrimarka li jħossu obbligat li jkompli jaħdem flimkien ma dawk interessati biex il-policies tal-ippjanar jinbidlu u jħossu obbligat jinkoraġġixxi lill-żviluppaturi jpoġġu fuq il-mejda mal-Kunsilli lokali u mhux biss jindirizzaw l-uġieh ta' ras tar-residenti tal-madwar iżda jagħtu wkoll lura lil-komunità. Il-kelliem żied li jekk it-tir tal-Kunsill huwa li joġġezzjona għal kull żvilupp, ir-resident ser ikompli jbati mil-impatt negattiv mingħajr ma jieħu assolutament xejn lura u għalhekk irrimarka li l-kapaċità tal-membri tal-Kunsill għandha tiġi meqjusa fuq kemm vera kapaċi jagħmlu differenza f'kull waħda min dawk l-applikazzjonijiet. Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab afferma li kien kuntent jgħid li bil-pjanijiet il-ġodda riveduti skont il-concerns l-ippreżenta l-Kunsill, il-Kunsill kien kapaċi jagħmel differenza kbira f'dan il-proġett. Il-kelliem iddikjara li huwa kien 100% kontra l-ewwel applikazzjoni kif approvata mill-PA, pero huwa responsabbli biżżejjed li jekk l-iżviluppaturi jindirizzaw il-concerns u jagħtu lura lil-komunità, ħa jsibu ma' min jaħdmu. Il-kelliem ikkonkluda li fil-kuntest li l-Kunsill m'għandux is-seta' li jwaqqaf dan il-proġett, il-pożizzjoni tal-Kunsill għandha tkun li l-impatt ikun minimu jew xejn lejn ir-residenti, u fl-istess waqt il-Kunsill għandu jirrikonoxxi proġett li qiegħed jagħti kas r-residenti u jagħti lura lil komunità u mhux biss jiġbed lejn in-negozju biss.

07.2.4 Is-Sindku Dean Hili irrimarka li l-Kunsill kien qabel fuq diversi punti u dak iż-żmien għalkemm kien kontra l-proġett, kien ħass li kellu jimxi mal-maġġoranza tal-membri tal-Kunsill – dan sabiex ikun f'pożizzjoni jkompli jmexxi n-negozjati, u sabiex ukoll ma jispiċċax fil-pożizzjoni fil-fehma tiegħu redikola bil-Kunsill imexxi 'l quddiem proġetti maqbula bejn il-Kunsill u d-db Grupp filwaqt li huwa jkun ivvota kontra tali direzzjoni. Il-kelliem irrimarka l'illum mhux komdu jieħu l-istess pożizzjoni, u żied li huwa importanti li l-vot li jittieħed, u min jieħdu, irid ikun kapaċi jissostanzjah, miegħu innifsu u mal-

komunità li eleġġietu, u jkun komdu bih. Il-kelliem irrimarka li fl-aħħar mill-aħħar, sa fejn kien possibbli, l-affarijiet li l-Kunsill ried jindirizza, ġew indirizzata mill-iżviluppatur. Il-kelliem żied li l-iżvilupp propost huwa massiv u ma jixtieqx jarah f'lokalità kwieta, għalkemm is-sit huwa perfett għal żvilupp turistiku, u għalkemm id-daqs tal-proġett jibqa' kbir u ma jixraqx lill-lokalità' għax ma jirrispettax il-madwar. Il-kelliem irrefera wkoll għall-kunċett tal-proġett tal-mina, liema proġett ġie emendat fuq talbiet persistenti tal-Kunsill. Il-kelliem żied li mhuwiex loġikament possibbli li wieħed jifred il-kunċett tal-mina mill-proġett innifsu, għalkemm jidher li l-iżviluppatur għamel sforzi enormi sabiex jagħmel dan mal-pubbliku. Tenna li d-disinn oriġinali tal-mina kienet tibqa` dieħla sal-iżvilupp propost u għalhekk illum kull kumment fis-sens li l-mina hija parti mill-istess proġett propost, u li l-istess proġett propost minn db grupp ser ukoll iġib miegħu żvilupp esaġerat in konnessjoni mal-istess mina miegħu, huwa ġustifikat. Il-kelliem żied li għalkemm proġett tad-daqs tiegħu legalment jista' jinbena, ma jfissirx li huwa għandu jkun favur tiegħu. Temm jgħid li l-fehma tiegħu hija ibbażata fuq il-fehmiet tal-ħafna residenti li tkellmu miegħu, u fakkar li l-Kunsill jirrappreżenta lill-istess persuni, li fl-aħħar mill-aħħar eleġġew il-Kunsill biex ikun l-eku tagħhom. Fakkar li bil-vot tiegħu il-Kunsill għandu jsostni l-fehmiet ġenerali tar-residenti nfushom, aktar minn kull fehma oħra.

07.2.5 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li d-deċiżjoni li ser jieħu l-Kunsill ser tirrifletti fuq il-kredibilita' ta' kull individwu, inkluż il-kredibilita' tal-pożizzjoni li jokkupaw kif ukoll il-kredibilita' ħolistika bħala Kunsill Lokali, u dan fid-dawl ta' qbil informali li diġa kien hemm bejn il-maġġoranza ta' membri tal-Kunsill Lokali Pembroke, liema pożizzjoni tal-Kunsill kienet ukoll diġa ġiet ikkomunikata lill-iżviluppatur, tant li l-Kunsill kien ġie preżentat bi b'kuntratt draft li jorbot lill-kuntrattur bil-klawsoli u kundizzjonijiet li kien għamel l-Kunsill lura fl-1 ta' Ottubru 2019. **(Dok. 2)**

07.2.6 Il-Kunsillier Raymond Lanzon irrimarka li huwa mhux konvint li l-mina tkun lesta qabel jitlesta l-proġett.

07.2.7 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab irrimarka li bis-saħħa ta' dan il-proġett ser jittaffa t-traffiku fil-lokal. Il-kelliem irrimarka li l-Kunsill naqas milli pubblikament jagħti l-verżjoni tiegħu, u għalhekk il-pubbliku qed jiġi żgwidat.

07.2.8 Il-Kunsillier Charles Cesare irrimarka li l-ewwel oġġezzjoni tal-Kunsill kienet dwar il-kobor tal-proġett. Il-kelliem irrimarka li l-ewwel żball li sar kien li l-Gvern m'ikkonsultax mal-Kunsill dwar l-innegozjar tal-art. Il-kelliem żied li t-tieni applikazzjoni hija aħjar mill-ewwel proposta li kienet ġiet approvata mill-PA u li l-operatur qed jaħdem skond il-policies tal-PA u għalhekk il-proġett ma jistax ma jiġix approvat. Il-kelliem irrimarka wkoll li dak kollu li ġab il-Kunsill għal-ġid tal-lokal għandu jkun magħruf, inkluż li dejjem kien hemm koperazzjoni sħiħa mal-iżviluppatur, apparti li mill-mitluf il-Kunsill għandu jieħu dak li jista' għall-ġid tar-residenti. Il-kelliem irrimarka wkoll li jekk il-Kunsill imur lura mill-kelma li kien ta lill-iżviluppatur, ser jitlef il-kredibilita' ma kull kuntrattur li ser jiżviluppa fil-lokal, ladarba l-Kunsill ma jżommx ma dak li kien iddiskuta u qabel mal-iżviluppatur lura f'Ottubru 2019.

07.2.9 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab irrimarka li huwa jemmen li bl-emendi li saru hemm gwadan għar-residenti tal-lokal u għalhekk staqsa kif jista' l-Kunsill iġib rebħa oħra għar-residenti jekk il-Kunsill jitlef il-kredibilita'.

07.2.10 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat irrimarkat li filwaqt li hija tifhem iż-żewġ pożizzjonijiet, kemm favur kif ukoll kontra, tirrikonoxxi li l-Kunsill għamel sforz biex saru ċertu kisbiet, iżda minħabba l-qies tal-proġett ftit li xejn jista' jsir biex ikun hemm tibdil. Il-kelliema irrimarkat li l-Kunsill għandu jivvota kif ser jiġu affetwata r-residenti u d-diskussjoni ġiet eżawrita kollha.

07.2.11 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab ippropona li fil-futur il-Kunsill, meta jkun hemm proġetti li jħoss li huma ta' ċertu portata, għandu jikkonsulta b'mod tanġibbli aktar mar-residenti biex ikollu aktar għarfin permezz ta' data xjentifika, u dan qabel jieħu deċiżjoni finali.

07.2.12 Il-Kunsillier Charles Cesare

07.2.13 Il-Kunsill qabel unanimament.

07.2.14 Is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill joħroġ stqarrija fejn fiha jagħmel il-pożizzjoni tiegħu ċara fid-dawl tal-PA 3807/17 li fiha jissemma dak kollu li sar tajjeb fuq il-proġett u l-elementi kollha l-inbidlu matul is-snin ilkoll kemm huma frott in-negozjati li kien hemm bejn il-Kunsill u l-iżviluppatur, pero dan filwaqt illi jirreferi għall-oġġezzjoni primarja u l-aktar ewlenija fil-komunità' u cioe l-iskumdita u snin ta' kostruzzjoni li ser isofru bi proposta ta' żvilupp sporzjonata u li ma jixraqx lil żona residenzjali inkluż ukoll dak kollu li hemm marbut magħha partikularment il-kostruzzjoni ta' kilometri ta' mini minn taħt xagħri protetti.

07.2.15 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

07.2.16 Il-Kunsill qabel unanimament.

07.2.17 Kien hemm qbil unanimu li Is-Sindku Dean Hili ser jagħmel draft ta' stqarrija stampa li ser joħroġ il-Kunsill dwar dan il-vot kif ukoll risposta għall-aħħar kommunikat li rċieva l-Kunsill mingħand id-db Grupp, liema stqarrija għandha tiġi iċċirkolata mal-membri tal-Kunsill qabel tinħareġ.

## 07.3 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

07.3.1 Il-laqgħa ntemmet fl-16:50pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 25 ta' Ġunju 2020 fis-2:00pm.

Konfermati, illum 25 ta' Ġunju, 2020

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Avv. Dean Hili | Kevin Borg |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# Proġett db City Centre

Fid-dawl tal-pożizzjoni diġa meħuda preċedentement mill-Kunsill Lokali Pembroke inkluż il-vot li ħa r-rappreżentant tal-Kunsill waqt il-laqgħa tal-Bord tal-PA, kif ukoll fid-dawl ta' l-aħħar laqgħa li l-Kunsill kellu fil-jiem li għaddew mal-iżviluppatur Silvio Debono fil-preżenza tal-Perit tiegħu Darren Sciberras, aħna hawn taħt iffirmata qed naqblu li jekk kemm il-darba l-iżviluppatur lest li joffri l-garanziji mitluba mill-Kunsill kif elenkata hawn taħt, il-Kunsill, għalkemm huwa tal-opinjoni li kien ikun ferm aħjar kieku l-iżvilupp ma jsirx fis-sit indikat,  u fid-dawl li l-proposta kif ġiet aġġornata qed twieġeb għall-punti t'oġġezzjoni li kien qajjem il-Kunsill, ma jkunx għadu lok li l-Kunsill jivvota kontra l-proġett propost u għalhekk ir-rappreżentant tal-Kunsill qed jingħata direzzjoni biex jivvota favur il-proġett propost meta tali proġett ikun qed jiġu diskuss mill-PA għall-ħruġ tal-permess.

Għal dan il-għan, il-Kunsill Lokali Pembroke bil-miktub qed:

1. Jitlob konferma mingħand l-iżviluppatur li ebda parti mill-proġett ma' tkun miftuħa għall-pubbliku qabel ma tkun qed tiffunzjona għat-traffiku l-mina proposta minn Infrastruttura Malta li tagħti minn Triq Sant Andrija għal Triq il-Bajja ta' San Ġorġ,

2. Jitlob konferma mingħand l-iżviluppatur li t-traffiku kollu għall-proġett (karozzi privati, trakkijiet li joffru servizz u vetturi tal-merkanzija) jistgħu jaċċessaw BISS il-parkeġġ tal-proġett mill-mina proposta f'**item 1**,

3. Jitlob konferma mingħand l-iżviluppatur li l-entratura għall-parkeġġ propost fil-proġett mhux ser ikun aċċessibbli minn Triq il-Profs Walter Ganado għajr f'każ ta' emerġenza, u l-aċċess ikun biss għall-vetturi tal-emerġenza,

4. Jitlob konferma mingħand l-iżviluppatur li l-entratura għall-parkeġġ propost fil-proġett mhux ser ikun aċċessibbli minn Triq Pietru Darmenia għajr f'każ ta' emerġenza, u l-aċċess ikun biss għall-vetturi tal-emerġenza,

5. Jitlob konferma mingħand l-iżviluppatur li mill-proġett tneħħiet is-sala previsti għall-funzjonijiet kbar fosthom tiġijiet,

6. Jitlob konferma mingħand l-iżviluppatur li mill-proġett tneħħiet il-proposta li jkun hemm Casino,

7. Jitlob konferma mingħand l-iżviluppatur li l-partijiet miftuħa tal-proġett, ikunu aċċessibbli għall-pubbliku f'kull ħin u mingħajr restrizzjonijiet ta' ġranet u ħinijiet,

8. Jitlob konferma mingħand l-iżviluppatur li l-iżviluppatur jara li jekk ikun possibli, parti mill-ħaddiema li ser iħaddem miegħu, ikunu resident mill-lokal ta' Pembroke, u dan biex jitnaqqas kemm jista' jkun it-traffiku,

9. Jitlob konferma mingħand l-iżviluppatur li l-iżviluppatur jintrabat li joffri lill-impjegati tiegħu servizz ta' trasport mingħajr ħlas ħalli kemm jista' jkun anqas ħaddiema jużaw il-vetturi tagħhom biex jiġu għax-xogħol,

10. Jitlob konferma mingħand l-iżviluppatur li l-iżviluppatur qed jintrabat li jgħin lill-Kunsill b'kull mezz biex il-proġett kollu fl-inter tiegħu, inkluż il-parti fejn hemm konċessjoni fuq il-blat fil-bajja ta' San Ġorġ, jiġi kollu konfinat fil-konfini tal-Kunsill Lokali Pembroke,

11. Jitlob konferma mingħand l-iżviluppatur li l-Iżviluppatur għandu jara li l-fondi kolla li l-proġett ser iħallas lill-PA vis-à-vis il-ħruġ tal-permess għandhom jitpoġġew għad-dispożizzjoni tal-Kunsill Lokali Pembroke biex isiru proġetti ta' fejda għal-lokal ta' Pembroke u għal dawk kollha li jżuru l-lokal,

12. Jitlob konferma mingħand l-iżviluppatur li l-iżviluppatur, ladarba jkun lest il-proġett jara li tkun responsabbiltà tiegħu l'issir iż-żamma u l-manutenzjoni ta' Ġnien Pembroke inkluż is-soft areas tal-madwar,

13. Jitlob konferma mingħand l-iżviluppatur li l-iżviluppatur jara li tkun ir-responsabbiltà tiegħu iż-żamma u l-manutenzjoni tat-toroq u l-għamara tagħhom fil-madwar tal-proġett jinżammu fi stat tajjeb,

14. Jitlob konferma mingħand l-iżviluppatur li minbarra l-miżata ndikata f'item 11, l-iżviluppatur, ikun lest li jagħti lura lill-lokal il-proġetti li ġejja bħala Social Corporate Responsibility, liema proġetti jridu jkunu kollha lesti qabel jinfetħu l-bibien tal-proġett għall-pubbliku. Dawn il-proġetti jistgħu jew jiġu iffinanzjati direttament mill-iżviluppatur jew inkella jsiru mill-Kunsill għas-spejjeż tal-istess żviluppatur. Tkun xi tkun id-deċiżjoni, il-Kunsill ser ikun qed jitlob garanzija bankarja a favur dawn il-proġetti nkluż penali jekk kemm il-darba dawn ma jsirux jew ma jsirux fil-ħin. Il-proġetti huma:

    a. Id-disinn, l-iżvilupp, iż-żamma u l-amministrazzjoni ta' parkeġġ fi Triq Pietru Darmenia bejn blokki A1-A4 u A5-A11, li d-dħul tiegħu ikun ristrett skond kif jiddeċiedi l-Kunsill minn żmien għal żmien tali li jkunu aġevolati speċjalment ir-residenti tal-akwata,

    b. Upgrading tas-sit li hemm bejn Triq William Harding, Triq Burma u Triq Salvatore Castaldi fejn isir ġnien pubbliku, garden furniture, play equipment adattat ukoll għal persuni b'abbiltajiet differenti, mixtla tal-pjanti, sistema ta' drip irrigation u parti mis-sit issir surface car park,

    c. Upgarding ta' Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta fejn il-faċilitajiet tal-tfal, passaġġi, fence, latrini pubbliċi, dawl, drip irrigation, tabelli, soft landscaping u għamara tal-ġnien iridu kollha jinbidlu u jsiru fuq stil aktar modern,

    d. Upgrading Ġnien San Patrizju fejn irid jiġi nstallat dawl ġdid, bankijiet u gazebo, fence, drip irrigation, ect

e. Upgrading, tindif u pjan fit-tul fuq iż-żona kollha tan-Natura2000,

f. Upgrading tal-Batterija ta' Pembroke u atrezzar tal-imsemmi post fejn jinħoloq mużew tal-istorja tal-lokal, u

g. Provvista u l-installazzjoni ta' madwar 200 reċipjent tal-iskart ġdid u modern.

15. Jitlob konferma mingħand l-iżviluppatur li l-iżviluppatur jikkonferma li dawn it-talbiet u l-kundizzjonijiet kollha jkunu nkluża f'kuntratt pubbliku li jkunu ukoll insinwat,

16. L-iżviluppatur jintalab u jaqbel li a spejjeż tiegħu jara li jkun hemm faċilita' fuq is-sit tiegħu li l-vetturi kollha li joħorġu mis-sit jinħaslu mit-trabijiet u t-tajn b'rispett sħiħ lejn it-toroq sekondarji tal-lokalita' u l-komunità' inġenerali, u

17. L-iżviluppatur jobbliga ruħu li matul is-sigħat ta' xogħol matul il-lejl ma jsir l-ebda xogħol li jiddisturbaw l-paċi pubbliku inkluż tħaffir, trenching u xogħol ieħor ta' ġeneru simili jew li jista' jikkawża ħsejjes li jtellfu l-mistrieħ tar-residenti tal-madwar.

Finalment aħna hawn taħt qed niddikjaraw li konxji li dawn il-punti t'hawn fuq imsemmija huma suġġett għad-diskussjoni u qbil mal-iżviluppatur.

Nikkonfermaw li l-**punti kollha għajr punt 14**, huma kollha mandatorji għall-qbil finali u dwar punt 14 il-Kunsill huwa konxju li dawn huma talbiet li jaf ikun hemm bżonn t'aktar diskussjoni mal-iżviluppatur, iżda huwa l-għan tal-membri tal-Kunsill li jikseb finanzjament mingħand l-iżviluppatur jekk jista' jkun tal-proġetti kollha proposta. Dan apparti mill-finanzjament li l-iżviluppatur huwa dovut lill-PA, li minnhom il-Kunsill Lokali Pembroke qed nitolbu li għandu jkun il-benefiċjarju ewlieni.

**IFFIRMAT**

____________________
Avv. Dean Hili
**Sindku**

**IFFIRMAT**

____________________
Omar Elaref Arab
**Viċi Sindku**

____________________
Désirée Vella Brincat
**Kunsillier**

**IFFIRMAT**

____________________
Charles Cesare
**Kunsillier**

**IFFIRMAT**

____________________
Raymond Lanzon
**Kunsillier**

**Dok. 2**

Illum

Quddiemi Nutar Malcolm Mangion dehru personalment wara li gew identifikati permezz tad-dokumenti ufficjali hawn isfel imsemmija :

Mil-ewwel parti :

Li qed jidher ghan-nom tas-socjeta **'DB San Ġorġ Property Limited**, kumpanija registrata fir-Registru tal-Kumpaniji b'ittra 'c' nuru sebgha sebgha tlieta erbgha erbgha (C 77344) u b'indirizz ta' DB Seabank Hotel, Marfa Road, Għadira, Mellieħa, MLĦ 9064 fuq dan il-Att maghrufa bhala s-SID.

Mit-tieni parti :

li qeghdin flimkine jidrhu ghan-nom tal-**Kunsill Lokali ta' Pembroke**, li ghandhu s-sede tieghu fi Triq Alamein f'Pembroke, Malta, kunsill ifformulat ai termini ta' Kapitolu tlett mija u tlieta u sittin tal-Ligijiet ta' Malta u minn issa il quddiem maghruf bhala l-KUNSILL.

ABBOZZ

PREMESSI :

a) Premess li s-Sid tramite persuna affiljata applika ghal permess ta' zvilupp mal-Awtorita tal-Ippjanar ( minn issa il quddiem 'AP') fuq sit sitwat f'Pembroke propjeta ta' diversi entitajiet formanti parti minn l-istess grupp ta socjetajiet affiljati tal-istess SID. Illi tali permess igib riferenza ittri PA________ u hu maghruf b'mod mhux ufficjali bhala 'Progett db City Centre', u minn issa il quddiem maghruf bhala l-'PERMESS';

b) Illi l-Kunsill issottometta lil AP diversi notifiki ta oggezzjoni, fosthom u bhala oggezzjoni primarja hi li hu kuntrarju ghal progett u bhala oggezzjoni sekondarja ghal certa aspetti tal-Permess peress li hass ruhu, li kif kien imfassal il-progett ma hemmx protezzjoni sufficjenti a beneficcju tar-residenti ta' Pembroke;

c) Illi s-Sid kien ha konjizzjoni formali tal-istess oggezzjonijiet u ghamel sottomissjonijiet amendatorji lil AP sabiex jindirizza dak li l-Kunsill kien qed jara bhala nuqqasijiet;

d) Illi filwaqt li per principju l-Kunsill ma jistghax jaqbel mal-Permess qed jgharaf li hrug ta permessi ma huwiex dipendenti minnu peress li hu ma huwiex l-organu kompetenti ghal dan il-ghan imma l-AP hi u ghalhekk l-oggezzjoni primarja tal-Kunsill certament ma tistghax tigi milqugha;

e) Premess li l-Kunsill irrikonosxa li d-dirigent tas-socjeta komponenti s-Sid, u cioe Silvio Debono detentur tal-karta tal-identita numru 26060M, bl-assistenza tal-Perit Darren Sciberras, minn issa il quddime l-'ARKITETT', pruvaw jindirizzaw tali riservi sekondarji sottomessi lil-AP bir-rizultat li l-Kunsill ra' rieda tajba u li r-riservi sekondarji taghhom gew adegwatament sodisfatti.

f) Illi l-Kunsill madankollu gharaf li l-obbligi u proposti ta' modifika sottomessi mis-Sid u mil-Arkitett jorbtu lis-Sid vis-à-vis l-AP u dan peress li l-Permess ha jkun approvat mil-AP skond il-policies taghha, mentri l-Kunsill qed juri x-xewqa li hu jkun ukoll b'mod konguntiv u successiv legittimu kontradittur ghal certa obbligi tas-Sid sottomessi a beneficcju tal-AP b'dana li jigu b'mod konguntiv u successiv enforzabbli ukoll mil-Kunsill;

g) Illi l-Kunsill informa is-Sid b'din it-talba finali u liema talba s-Sid fid-dawl tal-policies tal-AP illum vigenti li xorta jaffettwaw partijiet mis-Sit tieghu, ma ghandhu l-ebda oggezzjoni ghal dan.

ABBOZZ

Illi ghalhekk u bis-sahha tal-prezenti filwaqt li s-Sid qed jissottometti ruhhu ghal policies illum vigenti tal-Awtorita' tal-Ippjanar u a bazi ta dawn applika u ghamel ammendi ghal Permess minnu applikat, qed jirrikonosxi u qed hawnhekk jikkostitwixxi a beneficcju tal-entita' maghrufa bhala l-Kunsill Lokali Pembroke id-dritt li konguntivament u kontestwalment mal-AP tenforza dawn l-obbligi hawn isfel kontratti fid-dawl tal-applikabilita' tal-policies tal-bini vigenti fuq is-sit oggett ghal tali obbligi minn zmien ghal zmien, u f'dan ir-rigward u fil-kas remot li ikun hemm xi ksur ta dawn il-obbligi u l-Kunsill jiddeciedi li jezercita l-optzjoni li jenforza dawn id-drittijiet fil-fora approprjati, s-Sid qed minn issa jirrinzunja ghad-difiza argumentattiva tieghu li l-Kunsill ma huwiex il-legittimu kontradittur tal-istess peress li f'dan il-Att qed jirrikonosxih. Ghal finijiet tal-Ligi Civili u sabiex il-Kunsill jigi 'kkunsidrat bhala legittimu kontradittur is-Sid qed hawnhekk jikkostitwixxi a favur tal-Kunsill **l-uzufrutt fuq il-beneficcju derivat** mis-segwenti obbligi tas-Sid u cioe :

A) Illi s-Sid qed hawnhekk jintrabat li l-ebda parti mil-progett propost u kontemplat mil-Permess ma jkun miftuh ghal third party public use qabel ma tkun qeghda tiffunzjona l-mina proposta minn Infrastruttura Malta li tagħti minn Triq Sant Andrija għal Triq il-Bajja ta' San Ġorġ, f'San Giljan;

B) Illi s-Sid jikkonferma li t-traffiku kollu għall-proġett, wara t-tlestija tieghu, ha jaghmel sinjal u traffic management system sabiex kull vettura li ghanda tmur fil-progett jew mil-progett tigi diretta preferibilment mil-mina surriferita f'paragrafu 'A';

C) Illi s-Sid jikkonferma li vetturi ta sidien ko-propjetarji ta parti mil-progett jew haddiema ta negozji fil-progett li jkollhom bzonn jaccedu l-parkeggi tal-progett permezz tat-traffic management system suggerit primarjament ha jigu diretti preferibilment mil-mina surriferita f'paragrafu 'A'

D) Illi s-Sid jikkonferma li l-entratura għall-parkeġġi proposti fil-proġett mhux ser ikun aċċessibbli minn Triq il-Profs Walter Ganado u/jew Triq Pietru Darmenia għajr f'każ ta' emerġenza, dejjem salv aċċess għall-vetturi tal-emerġenza jew waqt riparazzjonijiet li jkunu qeghdin isiru fuq toroq alternattivi,

E) Is-Sid jikkonferma li fuq l-ghola parti tal-lukanda proposta fil-Progett

a. tneħħiet is-sala originalment proposta u prevista kif murija fuq il-pjanta annessa document 'B' għall-funzjonijiet kbar fosthom tiġijiet; u

ABBOZZ

b. tnehhiet il-proposta li jkun hemm Casino' fil-progett propost.

F) Is-Sid jikkonferma li l-ispazji indikati fuq il-Permess kif sussegwentament amendat bhala 'public open spaces' ha jkunu aċċessibbli għall-pubbliku f'kull ħin u mingħajr restrizzjonijiet ta' ġranet u ħinijiet, ghajr f'mumenti fejn ikun hemm bzonn manutenzjoni jew xoghol li minhabba health and safety jirrikjedi li tali parti tkun maghluqa u/jew minhabba s-sigurta ta resident/I ikun hemm necessita li f'certa hinijiet l-access ikun monitored u/jew ristrett;

G) Is-Sid qed jikkonferma li a bazi ta' kwalifiki, predisposizzjoni u talbiet ugwali, jaghti l-ewwel preferenza li haddiema li ser ihaddem mieghu wara t-tlestija tal-progett ikunu resident tal-lokal ta' Pembroke halli jitnaqqas kemm nista jkun it-traffiku peress li l-access ghax-xoghol ikun jista jsir jew bil-mixi jew b'xi sistema ta' *micro mobility* ohra, u dan dejjem sakemm tali ghazla ma tipregudikax lis-Sid jew tesponieh ghal litigazzjoni; F'dan l-ambitu u sabiex titnaqqas kongestjoni fil-lokal, is-Sid qed ukoll jintrabat li joffri servizz ta transport minghajr hlas lil haddiema tieghu fil-lokal vicin jew lejn parkeggi pubblici fil-vicin.

B'dana li tali uzufrutt fuq il-beneficcju derivat minn tali obbligi ma ghandhux jigi interpretat bhala servitu' fuq il-propjeta tas-Sid imma sempliciment obbligi li s-Sid jamministra u juza l-propjeta tieghu *in linea* mal-*policies* illum applikabbli mil-AP fuq il-propjeta tas-Sid skond il-Permess u liema beneficcju hu derivanti direttament, u hu subordinat, ghal tali *policies* illum vigenti, b'dana pero li kif is-Sid hu obbligat lejn l-AP sabiex jirrispetta l-obbligi u patti tal-Permess, hu ukoll issa akkorda lil Kunsill s-seta' legali sabiex jenforza tali obbligi biss u gja la darba l-policies illum vigenti tal-AP jibqghu fermi u validi u integri.

Illi fuq tali kostituzjoni ta uzufrutt ta' beneficcju derivat, is-Sid qed jezenta lil Kunsill mil-provizjoni tal-kawzjonijiet solitament rikjesti mil-Ligi mil-uzufruttwarji u anki mil-prestazzjoni tal-inventarju.

Ghall-fini tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Qliegh, artikolu hamsa ittra A (5A) sub-artikolu tnax (12), Kapitolu mija tlieta u ghoxrin (123) tal-Ligijiet ta' Malta, qieghed jigi ddikjarat mill-partijiet li peress il-beneficcju tad-drittijiet hawn koncessi huma naxxenti minn obbligi hawn kostitwiti mis-Sid li huma primarjament naxxenti u dipendenti minn

ABBOZZ

*policies* pubblici li *ipso facto* u *ipso iure* huma a beneficcju tar-Repubblika ta' Malta, u dan il-Att qed isir sempliciment sabiex il-Kunsill isir legittimu kontradittur tal-istess beneficcju minnhom dderivat ma jistghax jinghata valur peress li ma huwiex oggett kummercjabbli u ghalhekk il-valur ta registrazzjoni ta' elf euro (€1000) qed jinghata biss ghal finijiet ta' regolarizzazzjoni mal-ligijiet fiskali.

Ghall-fini tal-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjeta' Immobbli minn Persuni mhux Residenti, Kapitolu mitejn sitta u erbghin (246) tal-Ligijiet ta' Malta, il-Kunsill kif inhu kompost illum mal-iffirmar ta' dan il-Att ma jaqghax taht il-parametri tad-definizzjoni ta' 'mhux residenti' skond Artikolu tnejn (2) tal-imsemmi Kapitolu u ghalhekk l-ebda permess ma hemm bzonn sabiex dan id-dritt jigi ricevut mil-Kunsill ai termini ta Artikolu tlieta sub inciz wiehed (Art 3(1)) tal-istess Kapitolu ta Ligi.

Ghall-fini ta' provenjenza, jiena Nutar sottofirmat niddikjara illi s-sit mertu tal-progett propost kien gie akwistat mis-Sid in forza ta' Att tan-Nutar Anthony Hili ta' ______ Frar tas-sena elfejn u tmintax (__/2/2018) minghand il-Gvern ta Malta.

Ghaldaqstant, jiena Nutar sottofirmat niddikjara illi dan l-att mhux imponibbli skont il-ligi.

Ghall-fini tal-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dokumenti u Trasferimenti Ohrajn tal-elf disa' mija tlieta u disghin (1993), is-Sid f'isem il-Kunsill qed ihallas is-somma ta' hamsin euro (€50) bhala taxxa fuq dokumenti u trasferimenti ghal kull fini u effett sabiex b'ebda mod ma jipregudika il-beneficcju moghti lil Kunsill u dan minghajr ma jidhol fil-mertu jekk tali taxxa fuq tali beneficcju hawn kostitwit hijex *de facto* dovuta minhabba n-natura taghha.

Ghall-fini tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Qliegh, is-Sid qed ihallas hamsin euro (€50) bhala taxxa finali fuq trasferiment ta jedd li sar f'terminu ta hames snin minn meta s-Sid akwista u liema jedd hawn trasferit ma huwiex *de proprio* parti mil-progett hekk kif definit f'kapitolu mija u tlieta u ghoxrin (Kap 123) tal-Ligijiet ta' Malta imma biss negozjat u transigiment ta' pendenzi. Is-Sid ma hu bl-ebda mod jidhol fil-mertu jekk tali

ABBOZZ

taxxa fuq tali beneficcju hawn kostitwit hijex *de facto* dovuta minhabba n-natura taghha imma ghal finijiet ta semplicita' qeghda tithallas.

Oltre is-Sid jiddikjara illi s-socjeta minnu rappresentata ma hijiex ha tigi reallokat barra minn Malta, u li ser tissottometti d-dikjarazjoni tal-imsemmija qliegh ghas-sena kurrenti fil-mument opportun liema dikjarazjoni qed issir ghall-fini tal-Avviz Legali erba mija u tlettax tas sena elfejn u hdax (413/2011) u dan wara li iccerzjoratu mill-obbligu tieghu dwar il-veracita ta' tali dikjarazjoni.

Dan il-kuntratt gie maghmul, moqri, u ppubblikkat, prevja d-debita cerzjorazzjoni f'Malta, Pembroke, fl-ufficini tal-Kunsill Lokali ta' Pembroke,

ABBOZZ